Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Ġunju 1979

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (testjar statiku)

(79/622/KEE)

(ĠU L 179, 17.7.1979, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Id-Direttiva tal-Kummissjoni ta' l-15 ta' Diċembru 1982	L 386	31	31.12.1982
►M2	Id-Direttiva tal-Kunsill 87/354/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987	L 192	43	11.7.1987
►M3	Id-Direttiva tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 1988	L 200	32	26.7.1988
►M4	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/40/KE tas-6 ta' Mejju 1999	L 124	11	18.5.1999
►M5	Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	709	31.12.2008

Emendata minn:

►A1	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►A2	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►A3	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Ġunju 1979

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (testjar statiku)

(79/622/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekomomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi l-ħtiġiet tekniċi li għandhom jikkonformaw magħhom t-tratturi skond il-liġijiet nazzjonali jirrelataw *inter alia* ma' strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib u għat-twaħħil tagħhom mat-trattur;

Billi dawk il-ħtiġiet huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor, billi huwa għalhekk neċessarju illi l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew addizzjonalment ma' jew inkella minflok ir-regoli eżistenti tagħhom sabiex, partikolarment, jippermettu li l-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-approvazzjoni ta-tip ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija ([3]) tiġi introdotta għal kull tip ta' trattur;

Billi proċedura armonizzata għall-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti ta' strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib u t-twaħħil tagħhom mat-tratturi jagħmila possibbli għal kull Stat Membru illi jivverifika konformità mal-ħtiġiet komuni ta' kostruzzjoni u ttestjar u li jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar is-sejbiet tiegħu billi jibagħtilhom kopji taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponenti għal kull tip ta' struttura ta' protezzjoni kontra l-qlib u t-twaħħil tiegħu mat-trattur; billi t-tqegħid ta' marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE fuq l-istrutturi kollha manifatturati f'konformità mat-tip approvat jagħmel ovvju n-neċessità ta' verifikazzjonijiet tekniċi fuq dawk l-istrutturi fl-Istati Membri l-oħrajn;

Billi ħtiġiet komuni dwar elementi u karatteristiċi oħra ta' l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib, partikolarment dawk li jikkonċernaw id-dimensjonijiet, bibien, ħġieġ ta' sigurtà, strumenti li jżommu lit-trattur milli jkompli jitgerbeb jekk jinqaleb, u protezzjoni tal-passiġġieri, jiġu stabbiliti f'data iktar 'il quddiem;

Billi l-ħtiġiet armonizzati huma prinċipalment maħsuba biex jiżguraw sigurtà fit-triq u fuq ix-xogħol fil-Komunità kollha; billi għal din ir-raġuni huwa meħtieġ li jiġi introdott l-obbligu għat-tratturi koperti minn din id-Direttiva li jiġu mgħammra bi strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib*;* billi sa data li għandha tiġi determinata, it-tratturi msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 77/536/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta'l-Istati Membri rigward l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija ([4]) għandhom jiġu mgħammra bi strutturi ta' protezzjoni kontra

([1]) ĠU Ċ 296, 11.12.1978, p. 69.
([2]) ĠU Ċ 128, 21.5.1979, p. 18.
([3]) ĠU L 84, 28.3.1974, p. 10.
([4]) ĠU Nru L 220, 29.8.1977, p. 1.

▼B

l-qlib li jikkonformaw jew mad-Direttiva 77/536/KEE jew inkella ma' din id-Direttiva;

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali rigward tratturi jimplikaw rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri ta' l-ispezzjonar mwettaq minn kull wieħed minnhom ibbażati fuq il-ħtiġiet komuni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Kull Stat Membru għandu jagħti approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE għal kull tip ta' struttura ta' protezzjoni kontra l-qlib u t-twaħħil tagħha mat-trattur li tissoddisfa l-ħtiġiet ta' kostruzzjoni u ttestjar stabbiliti fl-Annessi I sa V.

2. Stat Membru li ta approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jivverifika, sa fejn hu neċessarju u jekk hemm bżonn b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħrajn, li l-mudelli ta' protezzjoni jikkonformaw mat-tip approvat. Tali verifikazzjoni għandha tkun limitata għal verifikazzjoni fil-post.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom, għal kull tip ta' struttura ta' protezzjoni kontra l-qlib u t-twaħħil tagħha mat-trattur li japprovaw skond l-Artikolu 1, joħorġu lill-manifattur tat-trattur jew ta' l-struttura ta' protezzjoni kontra l-qlib, jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE li tikkonforma mal-mudell esibit f'Anness VI.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa kollha biex jipprevenu l-użu ta' marki li jistgħu jikkrejaw konfużjoni bejn strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib li ġew approvati għat-tip ta' komponent skond l-Artikolu 1 u strumenti oħra.

Artikolu 3

1. L-ebda Stat Membru ma jista jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib jew it-twaħħil tagħhom fuq tratturi għal raġunijiet relatati mall-kostruzzjoni tagħhom jekk għandhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE.

2. Madankollu, Stat Membru jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib li għandhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE li konsistentement ma jikkkonformawx mat-tip approvat.

Dak l-Istat għandu minnufih jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda, u jispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

Artikolu 4

L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom fi żmien xahar jibgħatu lill-awtoritajiet kompetenti ta'l-Istati Membri l-oħra kopji taċ-ċertifikati tat-tip ta' komponenti, li eżempju tagħhom huwa mogħti fl-Anness VII, komplut għal kull tip ta' struttura ta' protezzjoni kontra l-qlib li huma japprovaw jew li jirrifjutaw li japprovaw.

▼B

Artikolu 5

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE jsib li numru ta’ strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib u t-twaħħil tagħhom mat-tratturi li għandhom l-istess marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE ma jikkonformawx mat-tip li huwa approva, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat. L-awtoritajiet kompetenti ta’ dak l-Istat għandu javżaw lil dawk l-Istati Membri l-oħra bil-miżuri meħuda li jistgħu, jekk meħtieġ, fejn hemm nuqqas ta’ konformità serja u ripetuta, jestendu għall-irtirar ta’ approvazzjoni tat-tip ta' kompotent tal-KEE. L-awtoritajiet imsemmija għandhom jieħdu l-istess miżuri jekk jiġu nfurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru ieħor dwar tali nuqqas ta’ konformità.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istati Membri għandhom fi żmien xahar jinfurmaw lil xulxin dwar kwalunkwe rtirar ta’ approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE u dwar ir-raġunijiet għal kull tali miżura.

Artikolu 6

Kwalunkwe deċiżjoni meħuda skond id-disposizzjonijiet adottati b’implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva li tirrifjuta jew tirtira approvazzjoni tat-tip ta’ komponenti għal strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib u t-twaħħil tagħhom mat-tratturi, jew li tipprojbixxi t-tqegħid tagħhom fis-suq jew l-użu tagħhom, għandha tistabbilixxi fid-dettal ir-raġunijiet li fuqhom hija giet bbażata. Tali deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-parti konċernata, li fl-istess ħin għandha tkun infurmata dwar ir-rimedji disponibbli lilha skond il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri u dwar il-limiti ta’ żmien permess għall-eżerċizzju ta’ dawn ir-rimedji.

Artikolu 7

L-ebda Stat Membru ma għandu jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali dwar trattur għal raġunijiet li jirrelataw ma’ l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib jew it-twaħħil tagħha mat-trattur jekk dawn għandhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE u jekk l-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness VIII ġew milħuqa.

Artikolu 8

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, dħul fis-servizz jew użu ta kwalunkwe trattur għal raġunijiet relatati mal-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib u t-twaħħil tagħha mat-trattur jekk dawn għandhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE u jekk l-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness VIII ġew milħuqa.

Artikolu 9

Din id-Direttiva tapplika għall-tratturi kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 74/150/KEE li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:

— spazju ħieles taħt il-fus ta’ wara ta’ mhux aktar minn 1 000 mm,

— wisa’ fissa minima aġġustabbli tat-*track* ta’ waħda mill-fwies tas-sewqan ta’ 1 150 mm jew aktar,

— possibilità li jitwaħħlilha strument għall-*multipoint coupling* għal għodda li jinqalgħu u żbarra għall-irmunkar,

— massa ta’ 800 kg jew aktar, li tikkorrispondi mal-piż tat-trattur mhux mgħobbi kif definit fis-sezzjoni 2.4 ta’ l-Anness I għad-Direttiva 74/150/KEE, li jinkludi l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib

▼B

mgħammra skond din id-Direttiva u *tyres* ta' l-akbar daqs rakkomandat mill-manifattur.

Artikolu 10

Għall-għanijiet ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE, kwalunkwe trattur li jirreferi għalih l-Artikolu 9 għandu jkun mgħammar bi struttura ta' protezzjoni kontra l-qlib li tissoddisfa l-ħtiġiet stabbiliti fl-Annessi I sa V.

Madankollu t-tratturi definiti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 77/536/KEE jistgħu, għall-għanijiet ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE, jkunu mgħammra bi struttura ta' protezzjoni kontra l-qlib li tissoddisfa l-ħtiġiet stabbiliti fl-Annessi I sa V ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 11

Kwalunkwe emendi neċessarji biex jiġu addattati l-ħtiġiet fl-Annessi għal din id-Direttiva biex jiġi kkunsidrat xi progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 74/150/KEE.

Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar minn notifika tagħha u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi t-testijiet tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert minn din id-Direttiva jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 13

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

LISTA TA' ANNESSI

Anness I:	Kondizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE
Anness II:	Kondizzjonijiet għat-testjar tas-saħħa ta' l-istrutturi ta' protezzjoni u tat-twaħħil tagħhom mat-tratturi
Anness III:	Proċeduri tat-Test
Anness IV:	Figuri
Anness V;	Mudell tar-rapport tat-test
Anness VI:	Marki
Anness VII:	Mudell taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE
Anness VIII:	Kondizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE
Anness IX:	Anness għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE dwar is-saħħa ta' l-istrutturi ta' protezzjoni u t-twaħħil tagħhom mat-trattur (testijiet statiċi)

▼B

ANNESS I

KONDIZZJONIJIET GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KOMPONENTI TAL-KEE

1. DEFINIZZJONI

1.1. ”Struttura ta' protezzjoni kontra l-qlib” (*safety cab* jew qafas), minn issa ‘il quddiem msejjħa ”struttura ta’ protezzjoni”, tfisser l-istruttura fuq trattur li l-iskop essenzjali tagħha huwa li jiġu evitati jew limitati riskji lix-xufier li jirriżultaw minn qlib tat-trattur waqt użu normali.

1.2. L-istrutturi msemmija f’1.1 huma karatterizzati mill-fatt li waqt it-testijiet preskritti fl-Annessi II u III jiżguraw spazju mhux mfixkel ġewwa fihom kbir biżżejjed biex jipproteġi lix-xufier.

2. ĦTIĠIET ĠENERALI

2.1. Kull struttura ta’ protezzjoni u t-twaħħil tagħha mat-trattur għandha tkun hekk disinjata u kostrutta sabiex tilħaq l-għan ewlieni stabbilit fis-sezzjoni 1.

2.2. Din il-kondizzjoni titqies milħuqa jekk il-ħtiġiet ta’ l-Annessi II u III jiġu ssoddisfatti.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KOMPONENTI TAL-KEE

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE dwar is-saħħa ta’ struttura ta’ protezzjoni u s-saħħa tat-twaħħil tagħha ma’ trattur għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tat-trattur jew mill-manifattur ta’l-istruttura ta’ protezzjoni jew mir-rappreżentanti awtorizzati tiegħu.

3.2. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE għandha tiġi akkumpanjata mid-dokumenti msemmijin hawn taħt fit-tlett kopji u bil-partikolari li ġejjin:

— tpinġija ġenerali ta’l-arranġament jew fuq skala mmarkata fuq it-tpinġija jew inkella li tagħti d-dimensjonijiet ta’ l-istruttura ta’ protezzjoni. Din it-tpinġija għandha partikolarment turi dettalji tal-komponenti tat-twaħħil,

— ritratti mill-ġenb u minn wara li juru d-dettalji tat-twaħħil,

— deskrizzjoni qasira ta' l-istruttura ta' protezzjoni li tinkludi t-tip ta’ kostruzzjoni, dettalji tat-twaħħil fuq it-trattur u, fejn neċessarju, dettalji dwar *cladding*, mezzi ta’ aċċess u ħarba, dettalji dwar kuxxinament interjuri u karatteristiċi li jipprevjenu qlib kontinwu u dettalji ta’ sħana u ventilazzjoni,

— dettalji ta’ materjali użati fil-partijiet strutturali li jinkludu saljaturi u serraturi ta’ twaħħil (Ara Anness V).

3.3. Trattur li jirrapreżenta t-tip ta’ trattur li għalih huwa maħsub li l-istruttura ta’ protezzjoni li għandha tiġi approvata għandha tiġi sottomessa lis-servizz tekniku responsabbli biex imexxi t-testijiet ta’ l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti. Dan it-trattur għandu jiġi mgħammar bl-istruttura ta' protezzjoni.

3.4. Min għandu approvazzjoni tat-tip tal-komponent tal-KEE jista’ jitlob l-estensjoni tagħha għal tipi oħrajn ta’ tratturi. L-awtorità kompetenti li kienet tat l-approvazzjoni oriġinali tat-tip tal-komponenti tal-KEE għandha tagħti l-estensjoni jekk l-istruttura ta’ protezzjoni approvata u t-tip(i) ta’ trattur li għalihom tintalab l-estensjoni jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

— il-massa tat-trattur mhix ballastjata, kif definita fis-sezzjoni 1.3 ta’ l-Anness II, ma testendix b’aktar minn 5 % il-massa ta’ riferenza użat fit-test,

— il-metodu ta’ twaħħil u l-komponenti tat-trattur li miegħu twaħħlu huma identiċi,

— kwalunkwe komponenti bħal *mudguards* u *bonnet cowls* li jistgħu jagħtu għajnuna għall-istruttura ta' protezzjoni huma identiċi,

— il-posizzjoni u d-dimensjonijiet kritiċi tas-sedil fl-istruttura ta’ protezzjoni u l-posizzjonijiet relattivi ta’ l-istruttura ta’ protezzjoni u t-

▼B

trattur għandhom jkunu tali li ż-żona ta' spazju tibqa' fil-protezzjoni ta'istruttura deflessa waqt it-testijet kollha.

4. MARKI

4.1. Kull struttura ta' protezzjoni li tikkonforma mat-tip approvat għandu jkollha l-marki li ġejjin:

4.1.1. il-marka tan-negozju jew l-isem;

4.1.2. marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE li tikkonforma mal-mudell fl-Anness VI;

4.1.3. numru serjali ta' l-istruttura ta' protezzjoni;

4.1.4. Ditta u tip(i) tat-trattur(i) li għaliha jew għalihom hija maħsuba l-istruttura ta' protezzjoni.

4.2. Dawn il-partikolari kollha għandhom jidhru fuq plakka żgħira.

4.3. Dawn il-marki għandhom ikunu viżibbli, li jistgħu jinqraw u ma jitħassrux.

▼B

ANNESS II

KONDIZZJONIJIET GĦAT-TESTJAR TAS-SAĦĦA TA' L-ISTRUTTURI TA' PROTEZZJONI U TAT-TWAĦĦIL TAGĦHOM MAT-TRATTURI

1. ĦTIĠIET ĠENERALI

1.1. **Għanijiet tat-test**

Testijiet li jsiru bl-użu ta' riggijiet speċjali huma maħsuba li jissimulaw tali piżijiet bħalma jiġu imposti fuq struttura ta' protezzjoni meta jinqaleb it-trattur. Dawn it-testijiet, deskritti fl-Anness III, jippermettu li jsiru osservazzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-istruttura ta' protezzjoni u kwalunkwe saljatura mwaħħla mat-trattur u kwalunkwe parti tat-trattur li titrasmetti l-forza tat-test.

1.2. **Preparazzjoni għat-test**

1.2.1. L-istruttura ta' protezzjoni għandha tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet tal-produzzjoni tas-serje. Għandha tiġi mwaħħla skond il-metodu tat-twaħħil dikjarat mill-manifattur ma' waħda mit-tratturi li ġiet disinjata għaliha. Mhux meħtieġ trattur komplet għat-test; madankollu l-istruttura ta' protezzjoni u partijiet tat-trattur li jitwaħħal fuqhom għat-testijiet għandhom jirrapreżentaw stallazzjoni li topera, minn hawn 'il quddiem se tiġI msejħa bħala "l-assemblea".

1.2.2. L-assemblea għandha titwaħħal mal-*bedplate* biex il-membri li jgħaqqdu l-assemblea u l-*bedplate* ma jiddeflessawx b' mod sinjifikanti b' relazzjoni ma' l-istruttura ta' protezzjoni taħt tagħbija. Il-metodu ta' twaħħil ta' l-assemblea mal-*bedplate* ma jistax minnu nnifsu jimmodifika s-saħħa ta' l-assemblea.

1.2.3. L-assemblea għandha ttiġi megħjuna u mwaħħla jew tiġi modifikata sabiex l-enerġija kollha tat-test tiġi assorbita mill-istruttura ta' protezzjoni u t-twaħħil tagħha mal-komponenti riġidi tat-trattur.

1.2.3.1.
Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' 1.2.3, il-modifikazzjoni għandha ssakkar kwalunkwe sospensjoni tar-rikba tat-trattur sabiex jiġi żgurat li ma jassorbi l-ebda enerġija tat-test.

1.2.4. Għat-testijiet it-trattur għandu jiġi mgħammar bill-komponenti strutturali kollha tal-produzzjoni tas-serje li tista'tinfluwenza s-saħħa ta' l-istruttura tal-protezzjoni jew li tista' tkun meħtieġa għat-test tas-saħħa.

Komponenti li jistgħu jikkrejaw riskju fiż-żona ħielsa għandhom wkoll jiġu mgħammra sabiex ikunu jistgħu jiġu eżaminati biex jiġi verifikat jekk ġewx milħuqa l-ħtiġiet tas-sezzjoni 4.

▼M4

Kull komponent li s-sewwieq stess jista' jneħħi għandhom jitneħħew meta jsiru it-testijiet. Jekk huwa possibbli li l-bibien u t-twieqi jinżammu miftuħin jew li jitneħħew meta t-trattur jkun qiegħed jintuża, iridu jinżammu miftuħin jew jitneħħew waqt li jsiru it-testijiet, sabiex ma tiżdiedx is-saħħa ta' l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib. Jekk, f'din il-pożizzjoni, jikkostitwixxu perikolu lis-sewwieq jekk it-trattur jinqaleb, ir-rapport tat-test irid jirreferi għal dan il-fatt.;

▼B

1.3. **Massa tat-trattur**

Il-massa ta' referenza m_t, tintuża fil-formoli (ara Anness III) biex jiġu kkalkolati l-enerġiji u l-forza ta' tgħaffiġ, għandha tkun għall-anqas dik definita fis-sezzjoni 2.4 ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE (i.e. teskludi aċċessjori mhux obbligatorji imma tinkludi *coolant*, żjut, karburanti, għodda u x-xufier) kif ukoll l-istruttura ta' protezzjoni u jitnaqqsu 75 kg.

Mhumiex inklużi piżijiet mhux obbligatorji fuq quddiem jew wara, *ballast* tat-*tyre*, implementi mwaħħlin, tagħmir armat jew kwalunkwe komponenti speċjaliżżati.

▼B

2. APPARAT U TAGĦMIR

2.1. **Testijiet għal tagħbija orizzontali (ġenb u lonġitudinali)**

2.1.1. Materjal, tagħmir u mezzi biex jorbtu l-isfel li huma xierqa biex jiżguraw li l-assemblea hija mwaħħla sew mal-*bedplate*, independentement mit-*tyre* jekk preżenti.

2.1.2. Mezzi biex tiġi applikata forza orizzontali fuq l-istruttura ta' protezzjoni bi travu iebes kif muri fil-Figuri 1 u 2 ta' l-Anness IV. 2.1.2.1.

2.1.2.1 It-travu iebes għandu jkollu dimensjoni tal-wiċċ vertikali ta' 150 mm.

2.1.2.2. Għandha issir disposizzjoni sabiex il-piż jista' jiġi distribwit uniformament għad-direzzjoni tat-tagħbija u ma' travu li huwa ta' tul ta' wieħed mill-multipli eżatti ta' 50 bejn 250 u 700 mm.

2.1.2.3. It-trufijiet tat-travu f'kuntatt ma' l-istruttura ta' protezzjoni għandha tkun mgħawwġa fit-tond b'*radius* massimu ta' 50 mm.

2.1.2.4. Ġunti universali – jew l-ekwivalenti – għandhom jiġu nkorporati biex jiġi żgurat li l-attrezzatura tat-tagħbija ma trażżanx l-istruttura fit-tidwir jew fit-traduzzjoni f'kwalunkwe direzzjoni minbarra d-direzzjoni tat-tagħbija.

2.1.2.5. Fejn it-tul orizzontali ta' l-istruttura ta' protezzjoni li għaliha għandu jiġi applikat il-piż ma tikkostitwix linja dritta normali għad-direzzjoni ta' l-applikazzjoni tal-piż, l-ispazju għandu jiġi ppakkjat sabiex il-piż jiġi distribwit ma' dan it-tul.

2.1.3. Tagħmir għall-kejl sa fejn teknikament possibbli l-enerġija assorbita mill-istruttura ta' protezzjoni u l-partijiet riġidi tat-trattur li magħha hija mwaħħla, per eżempju billi tkejjel il-forza applikata matul id-direzzjoni ta' l-applikazzjoni tagħha u d-deflessjoni relativa li tikkorrispondi mall-punt fuq ix-*chassis* tat-trattur.

2.1.4. Mezzi biex jiġi ppruvat li ż-żona ta' spazju ma ġietx entrata matul it-test. Rig skond il-figuri 6a, 6b u 6c ta'l-Anness IV jista' jintuża.

2.2. **Testiijiet ta' tgħaffiġ** *(wara u quddiem)*

2.2.1. Materjal, tagħmir u mezzi biex jorbtu l-isfel li huma xierqa biex jiżguraw li t-trattur huwa mwaħħal sew mal-*bedplate*, independentement mit-*tyres*.

2.2.2. Mezzi biex tiġi applikata forza vertikali għall-istruttura ta' protezzjoni, bħalma huwa muri fil-figura 3 ta' l-Anness IV, inkluż travu iebes li jgħaffeġ li huwa wiesa' 250 mm.

2.2.3. Tagħmir biex titkejjel il-forza vertikali totali applikata.

2.2.4. Mezzi biex jiġi ppruvat li ż-żona ta' spazju ma ġietx entrata matul it-test. Rig skond il-figuri 6a, 6b u 6c ta'l-Anness IV jista' jintuża.

2.3. **Tolleranza fil-kejl**

2.3.1. Dimensjonijiet: ± 3 mm.

2.3.2. Deflessjoni: ± 3 mm.

2.3.3. Massa tat-trattur ± 20 kg.

2.3.4. Piżijiet u forzi: ± 2 %.

2.3.5. Direzzjoni tat-tagħbija: devjazzjoni mid-direzzjonijiet orizzontali u vertikali speċifikati fl-Anness III:

— mill-bidu tat-test, taħt piż żero: ± 2°,

— waqt it-test, taħt piż: 10° fuq u 20° taħt l-orizzontali. Dawn il-varjazzjonijiet għandhom jinżammu fil-minimu.

3. TESTIJIET

3.1. **Ħtiġiet ġenerali**

3.1.1. *Sekwenza tat-testijiet*

3.1.1.1. Is-sekwenza tat-testijiet għandha tkun kif ġej:

▼B

3.1.1.1.1. Tagħbija lonġitudinali (Anness III, 1.2)

Għal tratturi b'minn ta' l-anqas 50% tal-massa kif definita fis-sezzjoni 1.3 fuq ir-roti ta' wara it-tagħbija lonġitudinali għandha tiġi applikata minn wara (każ 1). Għal tratturi oħra t-tagħbija lonġitudinali għandha tiġi applikata minn quddiem (każ 2).

3.1.1.1.2. L-ewwel test ta' tgħaffiġ

L-ewwel test ta' tgħaffiġ għandu jiġi applikat fl-istess tarf ta' l-istruttura ta' protezzjoni bħat-tagħbija lonġitudinali. i.e.:

— fuq wara f' każ 1 (Anness III, 1.5),

— fuq quddiema f' każ 2 (Anness III, 1.6),

3.1.1.1.3. Tagħbija mill-ġenb (Anness III, 1.3)

3.1.1.1.4. It-tieni test ta' tgħaffiġ

It-tieni test ta' tgħaffiġ għandu jiġi applikat fit-tarf oppost minn dak ta' l-istruttura ta' protezzjoni għat-tagħbija lonġitudinali. i.e.:

— fuq quddiema f' każ 1 (Anness III, 1.6),

— fuq wara f' każ 2 (Anness III, 1.5),

3.1.1.1.5. It-tieni tagħbija lonġitudinali (Anness III, 1.7)

It-tieni tagħbija lonġitudinali għandha tiġi applikata għal tratturi li huma mgħammra bi struttura ta' protezzjoni disinjata biex titmejjel meta d-direzzjoni ta' l-applikazzjoni ta'tagħbija lonġitudinali (ara sezzjoni 3.1.1.1.1) ma tkunx mejlet l-istruttura ta' protezzjoni.

3.1.1.2. Jekk, waqt it-test, tinkiser jew tiċċaqlaq kwalunkwe parti mit-tagħmir li jrażżan, it-test għandu jinbeda mill-ġdid.

3.1.1.3. Ma jistgħu jsiru l-ebda tiswijiet jew aġġustamenti lit-trattur jew lill-istruttura ta'protezzjoni waqt it-testijiet.

3.1.2. *Wisa' tas-serbut tal-gomom*

Ir-roti għandhom jitneħħew jew jiġu ffissati f'wisa' tas-serbut li jiżgura li ma tista' ssir l-ebda interferenza ma' l-istruttura ta' protezzjoni waqt it-testijiet.

3.1.3. *Tneħħija tal-komponenti li ma joħolqux periklu*

Il-komponenti kollha tat-trattur u l-istruttura ta' protezzjoni li, bħala unitajiet kompleti, jikkostitwixxu protezzjoni għax-xufier – inkluża protezzjoni tat-temp – għandhom jiġu pprovduti kompleti fuq trattur għall-ispezzjoni.

L-istruttura ta' protezzjoni li tiġi ttestjata ma' għandhiex għalfejn tiġi mgħammra bi twieqi ta' quddiem, tal-ġenb jew ta' wara bil-ħġieġ tas-sigurtà jew material simili, u kwalunkwe panew, tagħmir u aċċessorji li ma' għandhomx funzjoni ta' saħħa strutturali u li ma jistax joħloq periklu fil-każ ta' qlib.

3.1.4. *Strumentazzjoni*

L-istruttura ta' protezzjoni għandha tiġi strumentata bit-tagħmir meħtieġ biex tiġi akkwistata l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi mpinġi d-dijagramma tad-deflessjoni tal-forza (ara figura 4 ta' l-Anness IV). Deflessjoni totali u permanenti ta' l-istruttura ta' protezzjoni għandha tiġi mkejjla u nnotata għal kull stadju tat-test (ara figura 5 ta'l-Anness IV)

3.1.5. *Direzzjoni tat-tagħbija*

F' każ ta' trattur li fih s-sedil mhux fuq il-pjan medju tat-trattur u/jew saħħa mhux simmetrika ta' l-istruttura, it-tagħbija fuq il-ġenb tkun fuq it-trattur li x'aktarx l-aktar iwassal għal vjolazzjoni taż-żona ta' spazju waqt it-testijiet (ara wkoll Anness III, 1.3).

▼B

4. KONDIZZJONIJIET TA' L-AĊĊETTAZZJONI

4.1. Struttura ta' protezzjoni sottomessa għall-approvazzjoni tal-tat-tip tal-KEE għandha titqies li ssodisfat il-ħtiġijiet tas-saħħa jekk wara t-testijiet tissoddisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M1

———————

4.1.1. L-ebda parti miż-żona ta' spazju ħieles kif deskritta fl-entrata 3.2 ta' l-Anness III ma tkunx ġiet mdaħħla, jew tkun barra l-protezzjoni ta', l-istruttura ta' protezzjoni matul it-testijiet speċifikati fl-entrati 1.2, 1.3, 1.5, 1.6 u, fejn addattat, 1.7 ta' l-Anness III.

Jekk ikun sar test ta' tagħbija eċċessiv, il-forza applikata meta l-enerġija speċifikata hija assorbita għandha tkun akbar minn 0.8 tal-forza massima li jkun hemm kemm matul it-test prinċipali u kemm matul it-test ta' tagħbija eċċessiva kkonċernati (ara l-figuri 4b u 4ċ ta' l-Anness IV).

▼B

►M1 4.1.2. ◄ Waqt it-testijiet l-istruttura ta' protezzjoni ma' għandiex timponi l-ebda trażżin fuq l-istruttura tas-sedil.

▼M1

4.1.3. Fil-punt meta l-livell ta' enerġija mitluba tintlaħaq f'kull waħda mit-testijiet speċifikati ta' tagħbija orizzontali, l-forza għandha taqbeż 0.8 F_{mass}.

▼B

4.2. Addizzjonalment, ma' għandu jkun hemm l-ebda karatteristika li tippreżenta periklu partikolari lix-xufier, e.g. nuqqas ta' kuxxinament fis-saqaf jew kull post ieħor fejn tista' tintlaqat ras ix-xufier.

5. RAPPORT TAT-TEST

5.1. Ir-rapport tat-test għandu jitwaħħal maċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE msemmi fl-Anness VII. Il-presentazzjoni tar-rapport għandha tkun kif muri fl-Anness V. Għandha tinkludi:

5.1.1.
Deskrizzjoni ġenerali tal-forma u l-kostruzzjoni ta' l-istruttura ta' protezzjoni V għad-dimensjonijiet obbligatorji), li jinkludu d-disposizzjonijiet għall-entratura, ħruġ u ħarba normali; id-disposizzjonijiet għal sistemi ta' sħana u ventilazzjoni, u aċċessorji oħra fejn dawn huma disponibbli u fejn jistgħu jaffettwaw iż-żona ta' spazju ħieles jew jistgħu joħolqu periklu.

5.1.2.
Dettalji ta' karatteristiċi speċjali bħal strumenti biex jipprevenu t-tgerbib kontinwu tat-trattur.

5.1.3.
Deskrizzjoni qasira ta' kuxxinament interjuri.

5.1.4.
Dikjarazzjoni tat-tip tal-*windscreen* u *glazing* mgħammra u ta' marki ta' approvazzjoni tal-KEE jew oħrajn inkorporati.

5.2. Jekk l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE qed tiġi estiża għal tipi oħra ta'tratturi, ir-rapport għandu jinkludi r-referenza eżatta tar-rapport ta' l-approvazzjoni oriġinali tal-komponenti tat-tip tal-KEE kif ukoll indikazzjonijiet preċiżi dwar il-ħtiġiet stabbiliti fis-sezzjoni 3.4 ta'l-Anness I.

5.3. Ir-rapport għandu jidentifika biċ-ċar it-tip ta' trattur (ditta, tip u deskrizzjoni kummerċjali, eċċ) użat għat-testjar u t-tipi li għalihom l-istruttura ta' protezzjoni hija maħsuba.

6. SIMBOLI

m_t = toqol ta' trattur ta' riferenza (kg) kif definit fis-sezzjoni1.3.

D = deflessjoni (mm) ta'l-istruttura fil-punt ta' u f'linja ma applikazzjoni tat-tagħbija.

▼M1

D’ = deflessjoni (mm) ta’ l-istruttura għall-enerġija kkalkulata mitluba.

▼B

F = forza tal-piż statika (N) (*newtons*).

F_{max} = forza statika tal-piż massimu li ssir waqt tagħbija, (N) ħlief għal tagħbija żejda.

▼M1

F’ = il-forza ta’ l-enerġija kkalkulata mitluba.

F-D = kurva ta’ forza/deflessjoni.

▼B

E_{is} = dħul ta’ enerġija li jiġi assorbit waqt tagħbija mill-ġenb (J) (*joules*).

$E_{il\ 1}$ = dħul ta’ enerġija li jiġi assorbit waqt tagħbija lonġitudinali (J).

▼M1

$E_{il\ 2}$ = id-dħul ta’ enerġija li trid tiġi assorbita matul l-applikazzjoni tat-tieni tagħbija lonġitudinali (J).

▼B

F_r = forza applikata fuq wara fit-test tat-tgħaffiġ (N).

F_f = forza applikata fuq quddiem fit-test tat-tgħaffiġ (N).

▼M1

_____

▼B

ANNESS III

PROĊEDURA TAT-TEST

1. TESTIJIET GĦAT-TAGĦBIJA ORIZZONTALI U TGĦAFFIĠ

1.1. **Disposizzjonijiet ġenerali għal testijiet ta' tagħbija orizzontali**

1.1.1. It-tagħbijiet applikati lill-istruttura ta' protezzjoni għandhom jiġu distribwiti permezz ta' travu iebes, li jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fis-sezzjoni 2.1.2 ta' l-Anness II, mqiegħda normali għad-direzzjoni ta' l-applikazzjoni tal-piż; it-travu iebes jista' jkun mgħammar b' mezzi li jiprevenu iċ-ċaqliq tagħha lejn il-ġenb. Ir-rata ta' deflessjoni taħt tagħbija ma' għandhiex tkun akbar minn 5 mm/s. Waqt li jiġi applikat il-piż, F u D għandhom jiġu rreġistrati simultanjament f'żidiet ta' deflessjoni ta' 15-il mm jew inqas, biex tiġi żgurata l-preċiżjoni. Ladarba tkun bdiet l-applikazzjoni inizzjali, il-piż ma għandux jitnaqqas sakemm jitlesta t-test; imma huwa permess li ma jiżdiedx aktar il-piż jekk mixtieq, e.g.biex jiġi reġistrat il-kejl.

1.1.2. Jekk il-membru strutturali li għalih tiġi applikata it-tagħbija huwa kurvat, għandu jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fis-sezzjoni 2.1.2.5 ta' l-Anness II. L-applikazzjoni ta' tagħbija għandha, madankollu, tikkonorma mal-ħtiġiet tas-sezzjoni 1.1.1 fuq u s-sezzjoni 2.1.2 ta' l-Anness II.

1.1.3. Jekk ma jeżisti l-ebda membru strutturali msallab fil-punt ta' l-applikazzjoni, travu sostitut għat-test li ma jżidx saħħa ma' l-istruttura jista' jintuża għall-proċedura tat-test.

1.1.4. L-istruttura għandha tiġi viżwalment verifikata meta t-tagħbija titneħħa wara li kull tagħbija tkun kompluta. Jekk saru tixqiq jew tqattigħ waqt tagħbija, it-test ta' tagħbija żejda speċifikat f'1.4 hawn taħt għandu jsir qabel ma wieħed jgħaddi għat-tagħbija li jmiss fis-sekwenza mogħtija fis-sezzjoni 3.1.1.1 ta' l-Anness II.

▼M1

1.2. **Tagħbija lonġitudinali** (ara l-Figura 2 ta' l-Anness IV)

L-applikazzjoni tat-tagħbija għandha tkun orizzontali u parallela mal-pjan medjan vertikali tat-trattur.

Għal tratturi li għandhom mill-anqas 50 % tal-massa tagħhom, kif definita fl-entrata 1.3 ta' l-Anness II, fuq ir-roti ta' wara, it-tagħbija lonġitudinali ta' wara u t-tagħbija laterali għandha tiġi applikata fuq naħat differenti tal-pjan lonġitudinali medjan ta' l-istruttura ta' protezzjoni. Għal tratturi li għandhom mill-anqas 50 % tal-massa tagħhom fuq ir-roti ta' quddiem, it-tagħbija lonġitudinali ta' quddiem għandha tkun fuq l-istess naħa tal-pjan lonġitudinali medjan ta' l-istruttura ta' protezzjoni bħat-tagħbija laterali.

Għandha tiġi applikata fuq il-parti strutturali trasversali l-aktar 'il fuq ta' l-istruttura ta' protezzjoni (jiġifieri, l-parti li x'aktarx tolqot l-art l-ewwel fil-każ ta' qlib).

Il-punt ta' applikazzjoni tat-tagħbija għandu jkun mqiegħed wieħed minn sitta tal-wisa' tan-naħa ta' fuq ta' l-istruttura ta' protezzjoni 'l ġewwa mill-kantuniera ta' barra. Il-wisa' ta' l-istruttura ta' protezzjoni għandha tittieħed bħala d-distanza ta' bejn iż-żewġ linji paralleli mal-pjan medjan vertikali tat-trattur li jmiss l-estremitajiet ta' barra ta' l-istruttura ta' protezzjoni fi pjan orizzontali li jmiss in-naħa ta' fuq tal-membri strutturali trasversali l-aktar 'il fuq.

It-tul tat-travu ma' għandux ikun inqas minn terz tal-wisa' ta' l-istruttura ta' protezzjoni (kif deskritt qabel) u mhux aktar minn 49 mm akbar minn dan il-minimu.

It-tagħbija lonġitudinali hija applikata minn wara jew minn quddiem, kif definit fl-entrata 3.1.1.1 ta' l-Anness II.

It-test għandu jitwaqqaf kull meta:

(a) l-enerġija tat-tensjoni assorbita mill-istruttura ta' protezzjoni hija ugwali għal jew akbar mid-dħul ta' l-enerġija meħtieġa Eil 1 (fejn $E_{il\ 1} = 1.4\ m_t$);

▼M1

(b) l-istruttura tidħol mingħajr dritt fiż-żona ta' spazju ħieles jew tħalli liż-żona ta' spazju ħieles mingħajr protezzjoni.

▼B

1.3. **Tagħbija mill-ġenb** (ara Figura 1 ta' l-Anness IV)

It-tagħbija għandha tiġi applikata orizzontalment 90° mall-pjan medju vertikali tat-trattur. Għandha tiġi applikata għall-estremità l-aktar 'il fuq ta' l-istruttura ta' protezzjoni f'punt ta' 300 mm 'l quddiem mill-punt ta' referenza tas-sedil mas-sedil fil-posizzjoni l-aktar lura kif definita fit-taqsima 2.3.1. hawn taħt. Jekk l-istruttura ta' protezzjoni għandha xi proġezzjoni fil-ġenb li żgur tiġi l-ewwel f' kuntatt ma'l-art waqt qlib lejn il-ġenb, it-tagħbija għandha tiġi applikata f' dak il-punt. ►M4 Fil-każ ta' trattur b'pożizzjoni riversibbli, it-tagħbija għandha tiġi applikata fuq in-naħa ta' fuqnett ta' l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib fin-nofs bejn iż-żewġ punti ta' referenza tas-sedil. ◄

It-travu għandu jkun twil kemm huwa prattikabbli, iżda mhux itwal minn 700 mm.

Waqqaf it-test kull meta:

(a) l-enerġija ta' sforz assorbita mill-istruttura ta' protezzjoni hija daqs jew aktar mid-dħul tal-enerġija meħtieġa E_{is} (fejn E_{is} = 1.75 mt); jew

(b) l-istruttura tikser iż-żona ta' spazju jew tħalli ż-żona ta' spazju mingħajr protezzjoni.

▼M3

1.4. **Test ta' tagħbija żejda (ara Figuri 4a, 4b u 4ċ f'Anness IV)**

1.4.1. It-test ta' tagħbija żejda għandu jitwettaq jekk il-forza tonqos b'aktar mit-3 % waqt l-aħħar 5 % tad-deflessjoni miksuba, fejn l-enerġija meħtieġa tinxtorob mill-istruttura (ara Figura 4b).

▼M1

1.4.2. It-test ta' eċċess ta' tagħbija jinvolvi ż-żieda gradwali tat-tagħbija orizzontali b'żidiet ta' 5 % ta' l-enerġija inizzjali mitluba sa massimu ta' 20 % ta' enerġija miżjuda (ara l-figura 4 ċ).

1.4.2.1. Il-test ta' eċċess ta' tagħbija huwa sodisfaċenti jekk, wara kull żieda b'5, 10 jew 15 % f'enerġija mitluba, il-forza tonqos b'anqas minn 3 % għal żieda ta' 5 % u tibqa' aktar minn 0.8 F_{mass}.

1.4.2.2. Il-test ta' eċċess ta' tagħbija huwa sodisfaċenti jekk, wara li l-istruttura tkun assorbit 20 % ta' enerġija miżjuda, il-forza taqbeż 0.8 F_{mass}.

1.4.2.3. Matul it-test ta' eċċess ta' tagħbija huma permessi xquq jew tiċrit addizzjonali u/jew id-dħul fi jew in-nuqqas ta' protezzjoni taż-żona ta' spazju ħieles minħabba diformazzjoni elastika. Madankollu, wara t-tneħħija tat-tagħbija, l-istruttura ma' għandhiex tidħol fiż-żona ta' spazju ħieles, li għandha tkun protetta kompletament.

▼B

1.5. **Tgħaffiġ fuq wara**

It-travu għandu jiġi posizzjonat fuq il-membri strutturali ta' wara l-aktar 'il fuq u r-riżultanti tal-forzi li jgħaffġu għandhom ikunu lokati fil-pjan vertikali lonġitudinali referut. Għandha tiġi applikata forza F_r = 20 m_t.

Fejn il-parti ta' wara tas-saqaf ta' l-istruttura ta' protezzjoni ma jreġġix il-forza kollha li tgħaffeġ, il-forza għandha tiġi applikata sakemm is-saqaf jiġi defless biex imiss mal-pjan li jgħaqqad il-parti ta' fuq ta' l-istruttura ta' protezzjoni ma' dik il-parti ta' wara tat-trattur li kapaċi treġġi l-massa tal-vettura meta tinqaleb. Il-forza għandha imbagħad titneħħa, u t-trattur jew il-forza ta' tagħbija tiġi posizzjonata mill-ġdid sabiex it-travu jiġi fuq dak il-punt ta' l-istruttura ta' protezzjoni li tkun tista' imbagħad treġġi l-istruttura ta' protezzjoni meta tinqaleb kompletament. Imbagħad għandha tiġi applikata l-forza F_r.

Il-forza F_r għandha tiġi applikata għal minimu ta' ħames sekondi wara l-waqfa tad-deflessjoni li tidher viżibbilment.

▼B

Waqqaf it-test jekk l-istruttura tikser ż-żona ta' spazju jew tħalli ż-żona ta' spazju mingħajr protezzjoni.

1.6. **Tgħaffiġ fuq quddiem**

It-travu għandu jiġi posizzjonat fuq il-membri strutturali ta' quddiem l-aktar 'il fuq u r-riżultanti tal-forzi li jgħaffġu għandhom ikunu lokati fil-pjan vertikali longitudinali referent. Għandha tiġi applikata forza $F_f = 20\ m_t$.

Fejn il-parti ta' quddiem tas-saqaf ta' l-istruttura ta' protezzjoni ma jreġġix il-forza li tgħaffeġ kollha, il-forza għandha tiġi applikata sakemm is-saqaf jiġi defless biex imiss mal-pjan li jgħaqqad il-parti ta' fuq ta' l-istruttura ta' protezzjoni ma' dik il-parti ta' quddiem tat-trattur li kapaċi treġġi l-massa tal-vettura meta tinqaleb. Il-forza għandha imbagħad titneħħa, u t-trattur jew il-forza ta' tagħbija tiġi posizzjonata mill-ġdid sabiex it-travu jiġi fuq dak il-punt ta' l-istruttura ta' protezzjoni li treġġi l-istruttura ta' protezzjoni meta tinqaleb kompletament. Għandha imbagħad tiġi applikata l-forza F_f.

Il-forza F_f għandha tiġi applikata għal minimu ta' ħames sekondi wara l-waqfa tad-deflessjoni li tidher viżibbilment.

Waqqaf it-test jekk l-istruttura tidħol fiż-żona ta' spazju ħieles jew tħalli ż-żona ta' spazju ħieles mingħajr protezzjoni.

1.7. **It-tieni tagħbija longitudinali**

L-applikazzjoni tat-tagħbija għandha tkun orizzontalment parallela mal-pjan medju vertikali tat-trattur.

It-tieni tagħbija longitudinali għandha tiġi applikata minn wara jew minn quddiem kif definit fis-sezzjoni 3.1.1.1 ta'l-Anness II.

Għandha tkun applikata fid-direzzjoni opposta għal u fil-kantuniera l-iżjed 'il bogħod mit-tagħbija longitudinali fis-sezzjoni 1.2.

Għandha tiġi applikata fuq il-membru strutturali trasvers l-aktar il-fuq ta' l-istruttura ta' protezzjoni (i.e. dik il-parti li x'aktarx tmiss l-art f'inċident ta' qlib).

Il-punt ta' applikazzjoni tal-piż għandu jkun f'wieħed minn sitta mill-wisa' ta' fuq ta' l-istruttura ta' protezzjoni 'l ġewwa mill-kantuniera ta' barra. Il-wisa' ta' l-istruttura ta' protezzjoni titqies bħala d-distanza bejn żewġ linji paralleli mal-pjan medju vertikali tat-trattur li tmiss l-estremitajiet fuq barra ta' l-istruttura ta' protezzjoni fil-pjan orizzontali li jmiss fuq tal-membri strutturali trasversi l-aktar 'il fuq.

It-tul tat-travu m' għandux ikun inqas minn terz tal-wisa' ta' l-istruttura ta' protezzjoni (kif deskritta qabel) u mhux aktar minn 49 mm aktar minn dan il-minimu.

Waqqaf it-test kull meta:

(a) l-enerġija ta' sforz assorbita mill-istruttura hija daqs jew akbar mid-dħul ta' l-enerġija meħtieġa E_{il2} (fejn $E_{il2} = 0.35\ m_t$); jew

(b) l-istruttura tidħol fiż-żona ta' spazju jew tħalli ż-żona ta' spazju mingħajr protezzjoni.

2. ŻONA TA' SPAZJU

2.1. Iż-żona ta' spazju hija murija fil-figura 6 ta' l-Anness IV u definita f'relazzjoni mal-pjan referent vertikali ġeneralment longitudinali għat-trattur u li tgħaddi minn punt referent tas-sedil, deskritt fis-sezzjoni 2.3, u ċ-ċentru tal-*isteering wheel*. Il-pjan referent għandu jiġi assunt li jiċċaqlaq orizzontalment mas-sedil u l-*isteering wheel* waqt l-applikazzjoni tat-tagħbija iżda li jibqa' perpendikolari ma' l-art tat-trattur jew ta' l-istruttura ta' protezzjoni jekk dan jiġi armat kif kien.

Fejn l-*isteering wheel* huwa aġġustabli, il-posizzjoni tiegħu għandha tkun dik għal sewqan normali bilqiegħda.

2.2. Il-limiti taż-żona għandhom jittieħdu bħala:

2.2.1. pjani vertikali ta' 250 mm fuq kull naħa tal-pjan referent li jestendi 'l fuq mill-punt referent tas-sedil għal 300 mm;

▼B

2.2.2. pjanijiet paralleli li jestendu mit-tarf l-aktar fil-għoli tal-pjan 2.2.1 sa għoli massimu ta' 900 mm fuq il-punt referent tas-sedil u mmejjel b'tali mod li t-tarf ta' fuq tal-pjan fil-ġenb li minnu t-tagħbija tiġi applikata huwa għall-inqas 100 mm mill-pjan referent;

2.2.3. pjan orizzontali 900 mm 'l fuq mill-punt referent tas-sedil;

2.2.4. pjan immejjel perpendikolari għall-pjan referent u li jinkludi punt 900 mm direttament 'l fuq mill-punt referent tas-sedil l-aktar fil-għoli u l-punt l-aktar lura tad-dahar tas-sedil;

2.2.5. wiċċ, jekk meħtieġ kurvat, b'serje ta' linji dritti perpendikolari għall-pjan referent li jestendi l-isfel mill-punt l-aktar lura tas-sedil f'kuntatt mad-dahar tas-sedil mat-tul tiegħu kollu;

2.2.6. wiċċ kurvilineari, perpendikolari għall-pjan referent, f'*radius* ta' 120 mm tanġent mal-pjanijiet 2.2.3 u 2.2.4;

2.2.7. wiċċ kurvilineari, perpendikolari għall-pjan referent, b'*radius* ta' 900 mm li jestendi 'l quddiem għal 400 mm minn u tanġent mall-pjan 2.2.3 f'punt 150 mm 'l quddiem mill-punt referent tas-sedil;

2.2.8. pjan immejjel perpendikolari għall-pjan referent, li jingħaqad mal-wiċċ 2.2.7 fit-tarf ta' quddiem u li jgħaddi 40 mm mill-*isteering wheel*. F'każ ta' posizzjoni għolja ta' *isteering wheel,* dan il-pjan jiġi sostitwit minn pjan li jmiss il-wiċċ fit-tarf 2.2.7;

2.2.9. pjan vertikali, perpendikolari għall-pjan referent, 40 mm 'il quddiem mill-*isteering wheel*;

2.2.10. pjan orizzontali li jgħaddi mill-punt referent tas-sedil;

▼M4

2.2.11. fil-każ ta' trattur bil-pożizzjoni tas-sewqan riversibbli, l-ispazju ħieles għandu jkun taħlita taż-żewġ spazji stabbiliti miż-żewġ pożizzjonijiet ta' l-i *steering wheel* u s-sedil;

2.2.12. fil-każ ta' trattur li jista' jkun mgħammar b'sedili mhux obbligatorji, it-testijiet għandhom ikunu bażati fuq l-ispazju ħieles tal-għaqda tal-punt ta' referenza tal-postijiet għal kull għażla possibbli tas-sedili. L-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib ma tistax tidħol fl-ispazju ħieles mgħaqqad madwar il-varji punti ta' referenza tas-sedili;

2.2.13. fejn sedil ġdid jiġi propost wara li jkun twettaq it-test, irid ikun hemm kalkolu li tiddetermina jekk l-ispazju ħieles il-ġdid madwar il-punt ta' referenza tal-post ġdid jinsab kompletament fl-ispazju ħieles diġa stabbilit. Jekk dan ma jkunx il-każ, għandu jsir test ġdid.

▼B

2.3. **Lokazzjoni tas-sedil u punt referent tas-sedil**

2.3.1. Għall-għanijiet tad-definizzjoni taż-żona ta' spazju f'sezzjoni 2.1, is-sedil għandu jkun fil-punt l-aktar lura ta' kwalunkwe medda ta' aġġustament orizzontali. Għandu jitqiegħed fl-ogħla punt tal-medda ta' aġġustament orizzontali fejn dan hu independenti mill-aġġustament tal-posizzjoni orizzontali tiegħu.

Il-punt referent għandu jiġi stabbilit bl-użu ta' l-apparat illustrat f'figuri 7 u 8 ta' l-Anness IV biex tiġi simulata tagħbija minn okkupant bniedem. L-apparat għandu jikkonsisti f'*pan board* tas-sedil u għuda għas-serħan tad-dahar L-għuda għas-serħan tad-dahar għandu jkollu ġonot fir-reġjun tal-*ischium humps* (A) u loin (B), bill-ġonta (B) jkollha l-għoli aġġustabbli.

2.3.2. Il-punt referent huwa definit bħala l-punt fil-pjan medju longitudinali tas-sedil fejn il-pjan tanġent ma' l-għuda tas-serħan t'isfel tad-dahar u l-pjan orizzontali jiltaqgħu. Dan il-pjan orizzontali jaqta' l-wiċċ ta' isfel tal-*pan board* tas-sedil 150 mm quddiem it-tanġent hawn fuq imsemmi.

2.3.3. Fejn sedil jinkorpora ċaqliq b'sospensjoni mqabbża liberalment, kemm jekk dan jista' jiġi aġġustat għat-toqol tax-xufier jew le, is-sedil għandu jitqiegħed fil-punt nofsani ta' dan iċ-ċaqliq.

L-apparat għandu jiġi posizzjonat fuq is-sedil. Imbagħad għandu jitgħabba b'forza ta' 550N f' punt 50 mm 'l quddiem mill-ġonta

▼B

(A), u ż-żewġ partijiet tal-għuda għas-serħan tad-dahar għandhom jingħafsu ħafif b'tanġent mad-dahar.

2.3.4. Jekk mhuwiex possibbli li jiġu determinati tanġenti definiti għal kull żona tas-serħan tad-dahar (taħt u fuq ir-reġjun *lumbar*) għandu jsir dan li ġej:

2.3.4.1. fejn l-ebda tanġent għaż-żona t'isfel mhux possibbli, il-parti t'isfel tal-għuda għas-serħan tad-dahar tingħafas mad-dahar vertikalment;

2.3.4.2. fejn l-ebda tanġent għaż-żona ta' fuq mhux possibbli, il-ġonta (B) titwaħħal f'għoli li hu 230 mm 'l fuq mill-punt referent tas-sedil, jekk il-parti ta' isfel tas-serħan tad-dahar hija vertikali. Imbagħad iż-żewġ partijiet tal-għuda għas-serħan tad-dahar jingħafsu ħafif mad-dahar.

3. KONTROLLI U KEJL LI GĦANDUU JSIRU

▼M1

_____

▼B

►M1 3.1. ◄ **Żona ta' spazju ħieles**

Waqt kull test l-istruttura ta' protezzjoni għandha tiġi eżaminata biex jiġi verifikat jekk parti mill-istruttura ta' protezzjoni daħlitx f' żona ta' spazju ħieles madwar is-sedil tax-xufier kif definit fis-sezzjoni 2.1. Addizzjonalment, l-istruttura ta' protezzjoni għandha tiġi eżaminata biex jiġi determinat jekk xi parti miż-żona ta' spazju ħieles hiex barra mill-protezzjoni ta' l-istruttura ta' protezzjoni. Għal dan il-għan, għandha titqies barra mill-protezzjoni ta' l-istruttura ta' protezzjoni jekk xi parti minnha tkun ġiet f' kuntatt ma' l-art ċatta jekk it-trattur jinqaleb lejn id-direzzjoni li minnha kienet applikata t-tagħbija. Għal dan il-għan, it-*tyre* u s-settjar tas-sriebet għandhom jitqiesu li huma l-iżgħar speċifikati mill-manifattur.

►M1 3.2. ◄ **Deflessjoni permanenti finali**

Wara t-testijiet, id-deflessjoni permanenti finali ta' l-istruttura ta' protezzjoni għandha tiġi rreġistrata. Għal dan il-għan, qabel il-bidu tat-test, il-posizzjoni tal-membri ewlenija ta' l-istruttura ta' protezzjoni f'relazzjoni mal-punt referent tas-sedil għandhom jiġu rreġistrati.

▼B

ANNESS IV

▼M1

FIGURI

Figura 1: Il-punt ta' applikazzjoni ta' tagħbija laterali

Figura 2: Il-punt ta' applikazzjoni ta' tagħbija longitudinali minn wara

Figura 3: Eżempju ta' arranġament għal test ta' tkissir

Figura 4a: Kurva forza/deflessjoni - m'hemmx bżonn ta' test ta' eċċess ta' tagħbija

Figura 4b: Kurva forza/deflessjoni- hemm bżonn ta' test ta' eċċess ta' tagħbija

Figura 4ċ: Kurva forza/deflessjoni- it-test ta' eċċess ta' tagħbija jrid titkompla

Figura 5: Illustrazzjoni tat-termini permanenti, elastiċi u deflessjoni totali

Figura 6a: Veduta mill-ġenb taż-żona ta' spazju ħieles

Figura 6b: Veduta minn quddiem/minn wara taż-żona ta' spazju ħieles

Figura 6ċ: Veduta isometrika

Figura 7: Apparat għad-determinazzjoni tal-punt ta' referenza tas-sedil

Figura 8: Metodu ta' kif jiġi ddeterminat il-punt ta' referenza tas-sedil

▼B




Figura 1
Punt ta' applikazzjoni ta' taqħbija mill-ġenb

Figura 2
Point of application of rear logitudinal loading (when at least 50 % of the tractor mass rest on the rear wheels) ◄

(1) Punt referent tas-sedil

▶(1) M1

▼B





Figura 3:

Eżempju ta' arranġament għal test ta' tgħaffiġ

▼M1




1. Point of reference a F' = 0,95 D'

1.1 The overload test is not necessary since a F' < 1, 03 F'.

Figure 4a

Force/deflection curve - overload test not necessary

▼M1



1. Point of reference a F' = 0,95 D'


1.1 The overload test is necessary since a F' < 1, 03 F'.

1.2 The overload test is satisfactory since bF' > and bF' > 0,8 F_{max}.

Figure 4b

Force/deflection curve - overload test necessary

▼M1



1. Point of reference a F' = 0,95 D'

1.1 The overload test is necessary since a F' < 1, 03 F'.

1.2 Jekk bF huwa inqas minn 0,97 F', it-test tat-tagħbija żejda għandu jitwettaq.

1.3 Since cF' < 0,97 bF' the overload test must be continued.

1.4 Since dF' < 0,97 cF' the overload test must be continued.

1.5 The overload test is satisfactory since eF' > 0,8 F_{max}.

NB: If at any time F drops below 0,8 F_{max}, the structure is rejected.

►(1) M3

Figure 4c

Force/deflection curve - overload test to be continued

▼B

Enerġija totali assorbita wara test ta' tagħbija żejda, $E''_i = E_a + E''_i$

▼B




Figura 5:

Illustrazzjoni tat-termini permanenti, elastiċi u deflessjoni totali.

▼B




Figura 6a:

Dehra mill-ġenb taż-żona ta' spazju.




Figura 6b:
Dehra minn quddiem/wara taż-żona ta' spazju.




Figura 6c:
Dehra isometrika.




Figura 8:
Metodu li bih il-punt referent tas-sedil jiġi determinat.




Figura 7:
Apparat għad-determinazzjoni tal-punt referent tas-sedil.

▼B

▼B

ANNESS V

MUDELL

RAPPORT DWAR IT-TEST TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KOMPONENTI TAL-KEE TA' STRUTTURA TA' PROTEZZJONI (QAFAS JEW KABINA TAS-SIGURTÁ) RIGWARD IS-SAĦĦA TAGĦĦA KIF UKOLL IS-SAĦĦA TAT-TWAĦĦIL TAGĦĦA MAT-TRATTUR

(Testjar statiku)

Struttura ta' protezzjoni	
Ghamla	
Tip	
Ghamla tat-trattur	
Tip tat-trattur	

Identifikazzjoni ta' l-istazzjon tat-test

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE: .....

1. Marka jew isem tad-ditta ta' l-istruttura ta' protezzjoni: .....

.....

2. Isem u indirizz tal-manifattur ta' l-istruttura ta' protezzjoni u/jew tat-trattur: .....

.....

3. Jekk applikabbli, isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur ta' l-istruttura ta' protezzjoni u/ jew tat-trattur .....

.....

4. **Speċifikazzjonijiet tat-trattur li fuqu jitwettqu t-testijiet**:

4.1. Marka jew isem tad-ditta: .....

4.2. Tip u deskrizzjoni kummerċjali: .....

4.3. Numru serjali: .....

4.4. Massa tat-trattur mhux ballastjat bl-istruttura ta' protezzjoni mgħammra, minghajr xufier .... kg.

Daqsijiet tat-*tyres*: quddiem: .....

wara: .....

5. **Estensjoni(jiet) ta' l-approvazzjoni tat-tip għal tratturi oħrajn** [1]

5.1. Marka jew isem tad-ditta: .....

[1] Dawn id-dettalji għandhom jiġu mtennija għal kull estensjoni

▼B

5.2. Tip u deskrizzjoni kummerċjali: .....

5.3. Massa tat-trattur mhux ballastjat bl-istruttura ta' protezzjoni mgħammra, minħajr xufier ..... kg.

Daqsijiet tat-*tyres*: quddiem: .....

wara: .....

6. **Speċifikazzjonijiet ta' l-istruttura ta' protezzjoni**

6.1. Tpinġija ta' l-arranġament ġenerali ta' l-istruttura ta' protezzjoni u t-twaħħil tagħha mat-trattur.

6.2. Ritratti minn quddiem u wara li juru d-dettalji tat-twaħħil.

6.3. Deskrizzjoni qasira ta' l-istruttura ta' protezzjoni li tinkludi t-tip ta' kostruzzjoni, dettalji tat-twaħħil fuq it-trattur, dettalji tal-*cladding*, metodu ta' aċċess u ħarba, dettalji tal-kuxxinamentinterjuri, karatteristiċi li jipprevjenu qlib kontinwu u dettalji tas-sistema għas- sħana u ventilazzjoni.

6.4. Dimensjonijiet.

6.4.1. Għoli tal-membri tas-saqaf 'il fuq mill-punt referent tas-sedil ..... mm

6.4.2. Għoli tal-membri tas-saqaf 'il fuq mill-pjanċa tat-trattur ..... mm

6.4.3. Wisa' interjuri ta' l-istruttura ta' protezzjoni 900mm 'il fuq mill-punt referent tas-sedil ..... mm

6.4.4. Wisa' interjuri ta' l-istruttura ta' protezzjoni f'punt 'il fuq mis-sedil u fil-livell ta' nofs l-*isteering wheel*..... mm

6.4.5. Distanza minn nofs ta' l-*isteering wheel* sal-lemin ta' l-istruttura ta' protezzjoni

..... mm

6.4.6. Distanza minn nofs ta' l-*isteering wheel* sax-xellug ta' l-istruttura ta' protezzjoni

..... mm.

6.4.7. Distanza minima mix-xifer ta' l-*isteering wheel* sa l-istruttura ta'protezzjoni ..... mm

6.4.8. Wisa' tal-bibien:

Fuq ..... mm

Fin-nofs ..... mm

Isfel ..... mm

6.4.9. Għoli tal-bibien

'Il fuq mit-tarġa ..... mm

'Il fuq mill oghla tarġa tat-tlugh ..... mm

'Il fuq mit-tarġa tat-tlugh l-aktar baxxa ..... mm

6.4.10. Għoli totali tat-trattur mgħammar bl-istruttura ta' protezzjoni ..... mm

6.4.11. Wisa' totali ta' l-istruttura ta' protezzjoni (eskluż l-ġwienah) ..... mm

▼B

6.4.12. Distanza orizzontali għal wara ta' l-istruttura ta' protezzjoni mill-punt referent tas-sedil f'livell ta' 900mm mm

6.5. Dettalji u kwalità tal-materjal wżati, *standards* użati .....

.....

Qafas ewlieni ..... (materjal u dimensjonijiet)

Twaħħil ..... (materjal u dimensjonijiet)

Cladding..... (materjal u dimensjonijiet)

Saqaf ..... (materjal u dimensjonijiet)

Kuxxinament interjuri ..... (materjal u dimensjonijiet)

Boltijiet tat-twaħħil u l-armar ..... (materjal u dimensjonijiet)

Tip ta' *windscreen* u glejżjar u dettalji tal-marki .....

.....

7. **Riżultati tat-test**

7.1. Testijiet tat-tagħbija żejda u tat-tgħaffiġ

It-testijiet tat-tagħbija saru fuq ix-xellug/il-lemin [1] wara u fuq ix-xellug/il-lemin [1] quddiem u fuq in-naħa tax-xellug/ il-lemin [1]

7.2. It-toqol riferent użat biex jiġi kkalkolat d-dħul ta' enerġija u forzi li jgħaffġu kien ..... kg

7.3. Il-ħtiġiet dwar xquq u tqattiegħ u l-protezzjoni taż-żona ta' spazju ġew sodisfati.

7.4. Enerġiji tat-tagħbija:

Wara/ quddiem [1]..... kJ

Ġenb ..... kJ

Forza li tgħaffeġ ..... kN

It-tieni test tat-tagħbija lonġitudinali sar fuq quddiem/wara fil-lemin/xellug [1]..... kJ

7.5. Deflessjoni permanenti finali mkejla wara t-testijiet:

Wara: 'l quddiem/ lura [1]

Xellug ..... mm

Lemin ..... mm

Quddiem: 'l quddiem/ lura [1]

Xellug ..... mm

Lemin ..... mm

Fuq in-naħa tal-ġenb

Quddiem ..... mm

Wara ..... mm

[1] Ħassar fejn ma japplikax

▼B

Minn fuq 'l isfel/ 'l fuq [1]:

Quddiem ..... mm

Wara ..... mm

8. Numru tar-rapport .....

9. Data tar-rapport .....

10. Firma .....

[1] Hassar fejn ma japplikax

▼B

ANNESS VI

MARKI

Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE għandha tikkonsisti f'rettangolu li ddawwar f'ittri żgħar l-ittra 'e' segwita mill-ittra jew ittri distintivi ta' l-Istat Membru li jkun ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti:

▼A1

1 għall-Ġermanja

2 għall-Franza

3 għall-Italja

4 għall-Olanda

6 għall-Belġju

9 għall-Spanja

11 għar-Renju Unit

13 għall-Lussemburgu

18 għad-Danimarka

▼M2

EL għall-Greċja

▼A1

IRL għall-Irlanda

P għad-Portugall

▼A2

12 għall-Awstrija

17 għall-Finlandja

5 għall-Isvezja

▼A3

8 għar-Repubblika Ċeka

29 għall-Estonja

CY għal Ċipru

32 għal-Latvja

36 għal-Litwanja

7 għall-Ungerija

MT għal Malta

20 għall-Polonja

26 għas-Slovenja

27 għas-Slovakkja.

▼M5


34 għall-Bulgarija

19 għar-Rumanija

▼B

Għandu jinkludi wkoll fil-qrib tar-rettangolu in-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE li jikkorrispondi man-numru taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE maħruġ rigward is-saħħa tat-tip ta' l-istruttura ta' protezzjoni u t-twaħħil tagħha fuq it-trattur.

▼B



Eżempju ta’ marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE

Il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE għandha tiġi supplementata mis-simoblu addizzjonali ”S”

L-istruttura ta’ protezzjoni li għandha l-marka ta’ approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE murija hawn fuq hija struttura li għaliha ngħatat approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE fil-Ġermanja (e 1) taħt in-numru 1471.

▼B

ANNESS VII

MUDELL

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KOMPONENTI TAL-KEE

Isem ta' l-Awtorità Kompetenti

Notifika dwar għotja, rifjut, revoka jew estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE dwar is-saħħa ta' struttura ta' protezzjoni (kompartiment jew qafas għas-sigurtà) u għas-saħħa tat-twaħħil tiegħha mat-trattur

(testjar statiku)

Nru ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE .....

..... estensjoni [1]

1. Isem jew marka tad-ditta ta' l-istruttura ta' protezzjoni .....
.....
2. Isem u indirizz tal-manifattur ta' l-istruttura ta' protezzjoni: .....
.....
3. Jekk applikabbli, isem u indirizz tar-rappreżentat awtorizzat tal-manifattur ta' l-istruttura ta' protezzjoni: .....
4. Marka jew isem tad-ditta, tip u deskrizzjoni kummerċjali tat-trattur li għalih hija maħsuba l-istruttura ta' protezzjoni: .....
.....
5. Estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE għat-tip(i) ta' trattur(i) li ġejjin: .....
.....
5.1. Il-massa tat-trattur mhux ballastjat, kif definita f' 1.3 ta' l-Anness II jeċċedi/ ma jeċċedix [2] it-toqol ta' referenza użat għat-test aktar minn 5%.
5.2. Il-metodu ta' twaħħil u l-punti tat-twaħħil huma/mhumiex [2] identiċi
5.3. Il-komponenti kollha li jistgħu jservu biex ireġġgħu l-istruttura ta' protezzjoni huma/mhumiex [2] identiċi.
5.4. Il-ħtiġiet tar-raba' inċiż tas-sezzjoni 3.4 ta' l-Anness I huma/mhumiex [2] milħuqa.
6. Sottomess għall-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE f' .....
7. Stazzjon tat-test .....
.....
8. Data u numru tar-rapport ta' l-istazzjon tat-test .....
9. Data ta' l-għotja/rifjut/revoka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE [2].....
10. Data ta' l-għotja/ rifjut/ revoka ta' l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE [2].....
.....
11. Post .....
12. Data .....
13. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom in-numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti li jidher fuq, huma annessi ma' dan iċ-ċertifikat (e.g. rapport ta' l-istazzjon tat-test) .....
14. Rimarki, jekk hemm .....
15. Firma .....

---

[1] Jekk japplika, għid jekk din hijiex l-ewwel, it-tieni, eċċ. estensjoni ta' l-approvazzjoni dwar tip tal-komponenti tal-KEE oriġinali.
[2] Ħassar fejn ma jgħoddx

▼B

ANNESS VIII

KONDIZZONIJIET GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' trattur, rigward is-saħħa ta' struttura ta' protezzjoni u s-saħħa tat-twaħħil tagħha mat-trattur, għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tat-trattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Trattur li jirrappreżenta t-tip ta' trattur għall-approvazzjoni, li fuqu struttura ta' protezzjoni u t-twaħħil tagħha, debitament approvati, jiġu armati, għandhom jiġu sottomessi lis-servizzi tekniċi responsabbli biex imexxu t-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip.

3. Is-servizz tekniku responsabbli biex imexxi t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip għandu jivverifika jekk it-tip approvat ta' l-istruttura ta' protezzjoni hijiex maħsuba li tiġi armata fuq it-tip ta' trattur li għaliha tintalab l-approvazzjoni tat-tip. Partikolarment, għandha taċcerta li t-twaħħil ta' l-istruttura ta' protezzjoni tikkorrespondi ma' dak li ġie ttestjat meta ngħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE.

4. Min għandu approvazzjoni tat-tip tal-KEE jista' jitlob li tiġi estiża għal tipi oħra ta' strutturi ta' protezzjoni.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandom jagħtu tali estensjonijiet fuq il-kundizzjonijiet li ġejjin:

5.1. it-tip ta' struttura ta' protezzjoni ġdida u t-twaħħil tagħha fuq it-trattur għandha approvazzjoni tat- tip tal-komponenti tal-KEE;

5.2. hija ddisinjata li tiġi armata fuq it-tip ta' trattur li għaliha tintalab l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE;

5.3. it-twaħħil ta' l-istruttura ta' protezzjoni mat-trattur tikkorrespondi ma' dik li ġiet ittestjata meta ngħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE.

6. Għandu jiġi anness ċertifikat, li l-mudell tiegħu jidher fl-Anness IX, maċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE għal kull approvazzjoni tat-tip jew estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip li ngħatat jew ġiet rifjutata.

7. Jekk l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' tip ta' trattur tiġi introdotta fl-istess ħin ma' talba għall-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE għal tip ta' struttura ta' protezzjoni li hija maħsuba li tintrama' fuq it-tip ta' trattur li għaliha ntalbet l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, ma jsirux il-verifiki msemmija f'2 u 3.

▼B

ANNESS IX

MUDELL

Isem ta' l-Awtorita' Kompetenti

ANNESS GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJON TAT-TIP TAL-KEE GĦAL TIP TA' TRATTUR RIGWARD IS-SAĦĦA TA' STRUTTURI TA' PROTEZZJONI (KOMPARTIMENT JEW QAFAS GĦAS-SIGURTÀ) U S-SAĦĦA TAT-TWAĦĦIL TAGĦHOM MAT-TRATTUR

(Testjar Statiku)

(Artikoli 4(2) u 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fuq l-approvazzjoni dwar tip tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija)

Nru ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE .....

..... estensjoni [1]

1. Isem jew marka tad-ditta tat-trattur .....
2. Tip tat-trattur .....
3. Isem u indirizz tal-manifattur tat-trattur .....

   .....
4. Jekk japplika, isem u indirizz tar-rappreżentat awtorizzat tal-manifattur tat-trattur: .....

   .....
5. Marka jew isem tad-ditta ta' l-istruttura ta' protezzjoni: .....

   .....
6. Estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE għat-tip(i) segwenti ta' struttura ta' protezzjoni: ....
7. Trattur sottomess għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE f' .....
8. Servizz tekniku responsabbli għall-kontroll tal-konformità ma' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE .....

   .....
9. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
10. Numru -rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
11. Approvazzjoni tat-tip tal-KEE rigward is-saħħa ta' l-istrutturi ta' protezzjoni u s-saħħa tat-twaħħil tagħhom mat-trattur ġie mogħti/ rifjutat [2].
12. L-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE rigward is-saħħa ta' l-istrutturi ta' protezzjoni u s-saħħa tat-twaħħil tagħhom mat-trattur ġie mogħti/ rifjutat [2].
13. Post .....
14. Data .....
15. Firma .....

---

[1] Jekk japplika, għid jekk din hijiex l-ewwel, it-tieni, eċċ. estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-KEE oriġinali.
[2] Ħassar fejn ma japplikax